



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1533 tat-8 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1165 fir-rigward tal-miżuri temporanji eċċezzjonali ta' appoġġ għall-produtturi tal-ħawħ u tan-nuċiprisk fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja** 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1534 tal-31 ta' Awwissu 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/681 (EUNAVFOR MED/2/2017)** 4
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1535 tal-4 ta' Settembru 2017 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017** 6

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1533

tat-8 ta' Settembru 2017

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1165 fir-rigward tal-miżuri temporanji eċċezzjonali ta' appoġġ għall-produtturi tal-ħawħ u tan-nuċiprisk fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 219(1) flimkien mal-Artikolu 228 tiegħu,

Billi:

- (1) Mit-3 sat-8 ta' Awwissu 2017, xi Stati Membri u partijiet ikkonċernati infurmaw lill-Kommissjoni dwar disturb serju fis-suq fis-settur tal-ħawħ u tan-nuċiprisk, minħabba livell għoli ta' produzzjoni u ta' ħażniet, speċjalment fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja. Il-ħażniet tal-ħawħ u tan-nuċiprisk fi Spanja jammontaw għal 87 000 tunnellata, filwaqt li 50 % tal-ħawħ kienu għadhom ma nħasdux fil-bidu ta' Awwissu. Il-ħażniet tal-ħawħ u tan-nuċiprisk fl-Italja jammontaw għal 130 000 tunnellata, filwaqt li 30 % tal-prodotti għad iridu jinħasdu.
- (2) Mill-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex mill-Unjoni fl-2014 'l hawn, il-produtturi ppruvaw isibu swieq alternattivi għall-esportazzjoni. Madankollu, l-esportazzjonijiet lejn il-Belarusja, li bħalissa hija l-ewwel destinazzjoni ta' esportazzjoni għall-ħawħ u għan-nuċiprisk waqt il-perjodu tal-ħsad, naqsu b'25 % mill-2015 'l hawn. L-esportazzjoni ntaqtet saħansitra aktar mill-1 ta' Lulju 2017 wara l-introduzzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji minn pajjiżi li huma membri tal-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika, b'mod partikolari l-Belarusja. Barra minn hekk, l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi hija diffiċli b'mod ġenerali minħabba li l-prodotti jitħassru malajr.
- (3) Il-kombinament ta' dawn iċ-ċirkostanzi jħalli impatt fuq il-prezzijiet. Skont id-dejta disponibbli, is-sitwazzjoni tas-suq u b'mod partikolari l-prezzijiet huma simili ħafna għal dawk fl-2014 meta r-Russja introduċiet l-embargo.
- (4) Spanja u l-Italja kkonfermaw li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi diġà implimentaw il-miżuri tal-prevenzjoni u tal-ġestjoni tal-kriżijiet skont il-programmi operazzjonali tagħhom u użaw il-miżuri temporanji eċċezzjonali ta' appoġġ previsti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1165 ⁽²⁾. Għalhekk, ma hemmx aktar marġni ta' manuvra biex jiġu ritirati kwantitajiet ulterjuri mis-suq skont l-iskemi attwali.
- (5) Iċ-ċirkostanzi attwali qed jiddisturbaw is-suq b'mod sinifikanti fis-settur tal-ħawħ u tan-nuċiprisk u dik is-sitwazzjoni, jew l-effetti tagħha fuq is-suq x'aktarx li jkomplu jew jiddeterjoraw, filwaqt li l-miżuri tal-prevenzjoni u tal-ġestjoni tal-kriżijiet disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jidhru li mhumiex suffiċjenti.
- (6) Għalkemm din id-disturbazzjoni tas-suq hija marbuta biss b'mod indirett mal-embargo Russu, huwa xieraq, għal raġunijiet prattiċi u fl-interess tas-simplifikazzjoni, li tintuża s-sistema eżistenti stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2017/1165.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1165 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi miżuri temporanji eċċezzjonali ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċertu frott (ĠUL 170, 1.7.2017, p. 31).

- (7) Sabiex ikun hemm impatt suffiċjenti fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, il-kwantitajiet previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/1165 għall-ħawħ u għan-nuċiprisk għandhom jiġu triplikati għal produtturi fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja.
- (8) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/1165 jiġi emendat skont dan,
- (9) Sabiex ikun hemm impatt immedjat fuq is-suq u biex il-prezzijiet ikomplu jistabbilizzaw ruħhom matul l-istaġun ewlieni tal-ħsad, dan ir-Regolament għandu japplika b'mod retroattiv mid-data meta s-sitwazzjoni ġiet formalment u fattwalment ikkomunikata lill-Kummissjoni, jiġifieri fit-3 ta' Awwissu 2017.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1165

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1165 jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-3 ta' Awwissu 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

"ANNEX I

Kwantitajiet massimi ta' prodotti allokatu għal kull Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)*(tunnellati)*

Stat Membru	Tuffieħ u lanġas	Għanbaqar	Larinġ, klementin, mandolin u lumi	Ħawħ u nuċipriisk
Il-Belġju	21 845			
Il-Ġermanja	1 615			
Il-Ġreċja	680	4 165	2 040	16 065
Spanja	1 955	1 275	14 110	29 325
Franza	3 060			
Il-Kroazja	510		850	
L-Italja	4 505	3 910	850	7 140
Ċipru			3 060	
In-Netherlands	5 865			
L-Awstrija	510			
Il-Polonja	75 565	425		510"
Il-Portugall	935			

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/1534

tal-31 ta' Awwissu 2017

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/681 (EUNAVFOR MED/2/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (2) Fid-29 ta' Marzu 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/681 ⁽²⁾ li taħtar lill-Viċi Ammirall (LH) Andrea ROMANI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rakkomanda l-ħatra tal-Viċi Ammirall (LH) Javier MORENO SUSANNA biex jieħu post il-Viċi Ammirall (LH) Andrea ROMANI bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA mill-1 ta' Settembru 2017.
- (4) Fit-23 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/681 titħassar.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall (LH) Javier MORENO SUSANNA huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) mill-1 ta' Settembru 2017.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/681 hija b'dan imħassra.

⁽¹⁾ ĠUL 122, 19.5.2015, p. 31.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/681 tad-29 ta' Marzu 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1079 (EUNAVFOR MED/1/2017) (ĠUL 98, 11.4.2017, p. 18).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1535**tal-4 ta' Settembru 2017****li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2017 ġie adottat definittivament fl-1 ta' Diċembru 2016 ⁽²⁾,
- fis-27 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2017,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 ġiet adottata fl-4 ta' Settembru 2017.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/>.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2017.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. MAASIKA

⁽¹⁾ ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 51, 28.2.2017, p. 1.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT